TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/75/20/S

Christ Galea f'isem il-proprjetarji tal-blokk South Views
vs
Artech Ltd/Central Lifts Co Ltd

Illum 6 ta'Mejju,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Christ Galea pprezentata fit-30 ta'Gunju,2020 u r-risposta ta' Central Lifts Co.Ltd. ipprezentata fl-4 ta'Settembru,2020;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lix-xhud Larkin Vella u t-trattazzjoni tieghu maghmula fis-seduta tat-28 ta'Jannar,2021;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ftehim bejn il-proprjetarji ta' blokka t'appartamenti u s-socjeta Central Trading Co.Ltd. dwar *inter alia* z-zamma fi stat tajjeb ta' "lift" li hemm fl-imsemmija blokka t'appartamenti;

Illi filwaqt li r-rikorrenti li hu l-amministratur tal-blokka t'appartamenti, qed jikkontendi li s-socjeta intimata m'ghamlitx dak li obbligata taghmel skont il-ftehim, is-socjeta Central Lifts Co. Ltd. ikkonfermat fir-risposta taghha id-dati tal-vizti fil-post in kwistjoni;

Illi jinghad mal-ewwel li t-Tribunal sema' biss lil Larkin Vella ghar-rikorrenti ghax had mis-socjeta intimata ma deher biex jixhed u l-verzjoni tas-socjeta intimata tinsab biss fir-risposta taghha;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni dettaljata wahda u cioe dik ta' Larkin Vella li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata permezz ta'xi xhieda;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti kkontesta 9 '*services*' li s-socjeta intimata stqarret li saru izda din tal-ahhar naqset milli tipprovdi xi tip ta' konferma bil-miktub bhal '*job sheet*' iffirmata minn xi hadd li joqghod fil-blokka t'appartamenti fl-Imqabba;

Illi inoltre s-suespost, ix-xhud Larkin Vella kkonferma li biex rapprezentant tas-socjeta intimata seta' jidhol fil-blokka t'appartamenti u biex jaccedi ghall-kamra tal-'*lift*', xi hadd mill-blokka t'appartamenti ried jiftahlu;

Illi r-rikorrenti spjega u ta rendikont kif wasal ghat-talba ta' €750;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti, l-ammont ta' €750 hu gustifikat ghax jirraprezenta id-9 servizzi li ma sarux;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Christ Galea bhala amministratur tal-blokka t'appartamenti Southviews, Blokk B, Triq George Martin, Imqabba u Jordna lis-socjeta Central Lifts Co.Ltd. u/jew Artech Ltd. thallas lil Christ Galea fil-vesti fuq imsemmija tieghu s-somma ta' €750 filwaqt li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-istess socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru